MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 175/2009

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D LL.M (IMLI)**

**Avviz Nru 175/2009 FDP**

**Fl-ismijiet:**

**Il-Perit Paul Buhagiar**

**vs**

**Caroline Muscat u Steven Mallia**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikorsipprezentat fit-13 ta' Mejju 2009 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu kull wiehed jew min minnhom is-somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) bhala danni ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi bl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta The Sunday Times ta' nhar is-26 ta' April 2009, ta' liema gazzetta l-intimat Steve Mallia huwa l-editur registrat - intitolat *Wied il-Ghasel development permit 'unethical'*, liema artikolu gie miktub mill-intimata Caroline Muscat, immalafamajtu lir-rikorrenti bil-ghan car li ttellfulu jew tnaqqsulu r-reputazzjoni tieghu.

Rat ir-risposta ta' l-intimati illi laqghu ghall-akkuzi migjuba billi eccepew li:-

1. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent irid jindika s-silta jew siltiet mill-artikolu de quo li hija jew huma allegatament malafamanti fil-konfront tieghu;

2. Sekondarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghaliex il-kummenti fl-artikolu de quo jikkostitwixxu kumment gust imsejjes fuq fatti veri kif ser jigi ppruvat fil-kors tas-smiegh tal-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi, partikolarment fid-dawl ta' l-ewwel fuq imsemmija eccezzjoni

Rat ix-xhieda tal-**Perit Paul Buhagiar** moghtija viva voce fit-30 ta' Marzu 2010.

Rat ix-xhieda ta' **Gaetano Degabriele**, bhala rapprezentant tar-Registratur ta' l-Istampa, moghtija viva voce fis-26 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda tal-**Perit David Vassallo** moghtija viva voce fit-2 ta' Frar 2011.

Rat l-artikolu inkriminanti ippubblikat fil-harga ta' The Sunday Times ippubblikat fis-26 ta' April 2009 intitolat '*Wied il-Ghasel development permit 'unethical*''.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li r-rikorrent kien membru tad-Development Control Commission B bejn Novembru 2001 u Mejju 2007, wiehed mit-tlett Development Control Commissions illi ghandha fi hdana il-MEPA.

Illi jirrizulta illi fl-istess perjodu r-rikorrent kien jaqdi s-servizzi tieghu bhala Perit lill-klijenti tieghu.

Illi jirrizulta li f'Awissu tas-sena 2005, ir-rikorrent flimkien ma' kollega iehor ghamel applikazzjoni mal-MEPA ghal zvilupp ta' Dar ghall-Anzjani gewwa Wied il-Ghasel, il-Mosta ghal zewg klijenti tieghu, ossija Vella Limited u Devlands Limited.

Illi jirrizulta illi tali applikazzjoni, li kienet sottomessa mill-kollega tar-rikorrent, giet diskussa quddiem id-Development Control Commission illi fiha r-rikorrent kien wiehed mis-seba membri, ossija DCC B.

Illi jirrizulta li f'ahhar ta' l-2006 u l-bidu tal-2007, l-applikazzjoni giet diskussa quddiem id-DCC B, f'liema Bord, meta kienet qed tigi diskussa l-permess, huwa baqa' prezenti izda ma hax sehem fil-bord in kwistjoni peress illi huwa kien qed jidher ghal applikant.

Illi jirrizulta li wara tali diskussjonijiet, il-permess gie rifjutat. Sussegwentement, wara illi kollega tieghu kien issottometta pjanti godda ghall-progett, il-progett inghata il-permess mehtieg f'Jannar 2009, mill-istess Bord, ghalkemm sa dak iz-zmien ir-rikorrent ma kienx aktar fuq tali Bord.

Illi jirrizulta li kienu saru diversi oggezzjonijiet ghal tali progett, fosthom minhabba fil-fatt illi l-post fejn tali dar tax-

xjuh kienet ser tinbena f'zona li hija indikata bhala riserva naturali fil-World Database on Protected Areas tal-United Nations Environment Programme kif ukoll fl-International Union for the Conservation of Nature. Apparti minn hekk, il-Harsien Patrimonju Malti indika tali post bhala Monument Nazzjonali.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikorrent intavola il-proceduri odjerni peress illi gie miktub is-segwenti:-

*Objectors to a development in an internationally protected ara of Mosta are alleging a conflict of inteset and lack of ethics in the adjudication process.*

*They are saying the process was tainted since architects Joseph Bondin and Paul Buhaigar - who are involved with the project - sat on Malta Environment and Planning Authority Boards for a number of years.*

Illi jirrizulta li, kif ammess mir-rikorrent, huwa kien fuq id-DCC B, li kien l-istess Board illi originalment ikkonsidra l-applikazzjoni izda rrifjutaha, ghall diversi snin.

Illi rrizulta illi r-rikorrent kien ghamel l-applikazzjoni hu flimkien ma' perit iehor, u dana f'isem il-klijenti tieghu.

Illi irrizulta illi fiz-zmien illi kienet qed tigi diskussa l-applikazzjoni u li eventwalment giet deciza, id-DCC kienet tkun komposta minn Periti illi setghu ukoll jagixxu bhala periti fil-kapacita' personali taghhom. Infatti, kif stqarr il-Perit imtella mir-rikorrent stess, il-Perit David Vassallo, meta l-Perit kien fuq il-Bord tad-DCC u kellu applikazzjoni illi kienet tieghu, huwa kellu biss jastjeni milli jiddeciedi l-kaz. Apparti minn hekk, f'kaz illi membru tal-Bord ikun irtira minn tali Bord waqt l-applikazzjoni kienet ghadha pendenti quddiem il-Bord meta huwa kien fiha, la darba huwa ikun irtira, huwa jkun jista jidher quddiem tali Bord u jargumenta l-applikazzjoni quddiem tali Bord.

Illi jirrizulta wkoll illi l-Gvern sussegwentement biddel is-sistema ta' min jista joqghod fuq il-Bord tad-DCC minhabba fil-percezzjoni illi dina kellha mac-cittadin, u dana b'mod illi kull min kien membru ta' tali Kummissjoni ma setghax aktar jipprattika fil-privat tul il-permanenza tieghu f'tali Bord.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif inhu ben risaput, sabiex id-difiza ta’ “fair comment” tregi huwa mehtieg, fost affarjiet ohra, li l-fatt jew fatti li dwaru jew dwarhom ikun sar il-kumment ikun jew ikunu sostanzjalment fatt jew fatti vera - "It is well settled law that the defence of fair comment must be based on facts truly stated." (Reginald Miller v. Harold Scorey, Appell Kriminali, 26 ta’ April, 1948)

Illi kif jintqal f’Gatley on Libel and Slander (para. 692, p.693):

To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.

Fil-kaz Victor Pace et vs Joseph Azzopardi et, deciza mill-Qorti ta’l-Appell fit-8 ta' Gunju 2004, intqal li:-

Id-“difiza” tal-“fair comment” dejjem kienet intiza sabiex tissalvagwardja dritt li hu importanti daqs dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu, u cioe`id-dritt ta’ l-espressjoni hielsa.

Imbghad, kif qal Lord Justice Scott fil- kawza Lyon v. Daily Telegraph:

The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.

L-istess Qorti ta’ l-Appell tkompli tghid fis-sentenza fuq citata illi

"Aktar recentement, bl-enfazi fuq id-drittijiet fondamentali tal-bniedem u specjalment fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-margini jew latitudini koncessa lill-istampa, u b’mod partikolari lill-gurnalisti fil-qadi tad-doveri taghhom, twessghet u l-qrati saru aktar konxji mill-htiega li jzommu bilanc gust bejn il-liberta`ta’ l-istampa li tinforma dwar fatti u li titrasmetti l-ideat (inkluzi kummenti u kritika) minn naha, u d-dritt tac-cittadin li jkollu r-reputazzjoni tajba tieghu imharsa min-naha l-ohra. U dan l-aktar meta l-opinjoni espressa jew il-kritika (anke xi minn daqqiet harxa) tkun diretta lejn persuni pubblici, bhal, per ezempju nies fil-politika . Dan ma jfissirx, pero`, kif hemm min beda jahseb, li allura kollox jista’ jinkiteb b’impunita`."

Dwar il-latitudni permessa lill-media ta' kumment gust, il-Qorti ta’ l-Appell, fis-sentenza taghha tal-15 ta’ Novembru, 1994 fl-ismijiet Vincent Borg v. Victor Camilleri et, qalet is-segwenti:-

Il-Qorti tissottoskrivi wkoll il-hsieb li r-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta’ l-istampa (Kap. 248) ghandhom jigu interpretati fid-dawl ta’ l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll fl-isfond ta’ l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani. Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp signifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa’ d-dritt ta’ l-espressjoni. Madanakollu, b’dana l-izvilupp essenzjali, l-istampa ma nghatat ebda

passaport ta’ immunita`, billi tibqa’ dejjem il-htiega li jinzamm sens ta’ proporzjon bejn il-liberta` ta’ espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f’socjeta`demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta`li wiehed jikkritika u li jsemma’ l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi.

**Ikkunsidrat**

Issa, fil-kaz in ezami, jidher ben ippruvat illi r-rikorrent kien membru fuq id-Development Control Commission 'B' meta dina bdiet tikkonsidra l-applikazzjoni maghmulha mir-rikorrent stess ghan-nom ta' klijent tieghu.

Jidher ben ippruvat ukoll illi l-progett illi kien qieghed jigi propost kien wiehed kontroversjali peress illi kellu oggezzjonjiet li jirrigwardaw l-impatt illi tali progett seta jkollu fuq l-ambjent, liema ambjent ta' Wied il-Ghasel huwa rikonoxxjut bhala protett, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.

Jidher ben ippruvat ukoll illi l-applikazzjoni innfisiha, ghalkemm eventwalment michudha, minflok ma' intbghatet mill-Bord sabiex tigi diskussa minn wiehed miz-zewg bords 'l ohra li ghandha il-MEPA in vista tal-fatt li r-rikorrent kien il-Perit ta’ l-applikant, baqghet tigi kkunsidrata minn tali Bord, fejn ir-rikorrent baqa' prezenti izda astjena milli jaghti d-decizjoni tieghu.

Jirrizulta wkoll illi fiz-zmien meta l-applikazzjoni kienet qieghda tinstema, kien permissibbli illi Perit jahdem fil-privat u jiddeciedi fuq id-DCC kontemporanjament, u kien possibbli wkoll illi l-Perit, wara li jkun irtira mill- Bord, jidher quddiem tali Bord u jargumenta favur applikazzjoni ghan nom ta' klijent tieghu, liema applikazzjoni kienet gia pendenti quddiem il-Bord meta huwa kien jifforma parti minnu.

Jirrizulta ukoll illi minhabba f'tali cirkostanzi xejn trasparenti illi kienu qed johonqu s-sistema tal-MEPA, il-Gvern ghadda sabiex ibiddel il-Ligijiet bil-ghan illi tali kunflitt visibbli u nuqqas ta' etika cara li seta jinqala jigi limitat drastikament.

Illi, kif stqarret il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha 'Anthony Degiovanni vs Mark Lombardo'

F’materja ta’ responsabilita` civili ghad-diffusjoni ta’ nformazzjoni bil-mezz stampat, wiehed irid izomm dejjem in mira fl-analizi tal-kaz partikolari dawn l-aspetti:-
(i) ir-rikostruzzjoni oggettiva tal-fatti;
(ii) il-valutazzjoni tal-kontenut tal-kitba;
(iii) id-dritt tal-kritika li kif minn dejjem gie awspikat ghandha tkun espressa fir-rispett tar-rekwizit ta’ certa kontinenza u, ghaldaqstant, f’termini korretti u mizurati b’mod li ma titraxxendiex f’attakki personali virulenti.

Dan ifisser illi ghall-iskop ta’ l-iskriminanti huwa necessarju li l-istampat ikun jikkontjeni mhux biss il-verita` oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza formali ta’ l-esposizzjoni taghhom. Huwa impellanti ghalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni l-fonti ta’ l-istess fatti tigi diligentament valjata ghall-fini ta’ l-attendibilita` taghhom.
Il-fuq specifikati presupposti, tista’ tghid, huma konkordament ricevuti fil-gurisdizzjonijiet normalment segwiti mit-tribunali taghna.

F’dik Ingliza jinghad illi “to succeed in a defence of fair comment the words complained of must be shown to be (i) comment (ii) fair comment and (iii) fair comment on some matter of public interest” (Gatley, op.cit.para 704).

Hekk ukoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta’ Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tliet elementi precizi, u cjoe, li “(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi e` un interesse pubblico alla conoscenza del fatto u (iii) vi sia correttezza formale dell’esposizione che non travilichi lo scopo informativo”."

Illi, fil-kaz in ezami, jirrizulta ben car illi l-kumment maghmul kien wiehed korrett fejn dana stqarr li r-rikorrenti kien involut fil-Bords tal-MEPA ghal diversi snin u kien wiehed ta' interess pubbliku peress illi zona indikata bhala 'Monument Nazzjonali' mill-Harsien tal-Patrimonju Malti kienet ser tigi effettwata bil-progett.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat id-dokumentazzjoni kollha ipprezentata.

Wara illi rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern

Taqta u tiddeciedi billi

Filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni, tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-intimati, u ghalhekk

Tichad it-talba attrici kif dedotta.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------